Hello tfal kif intom?

Aħna ninsabu tajbin. Bħalissa aħna l-għalliema tat-tieni sena qed inkomplu nippreparaw xogħol li intom tistgħu taħdmu mid-dar. Dalwaqt ser ikollkom il-pitazzi u l-*workbooks* tagħkom li konna nużaw fil-klassi għandkom ukoll. Għal din il-ġimgħa fil-*website* tal-iskola ser terġgħu issibu x'għandkom tagħmlu kuljum.

Aħdmu, aqraw, ilagħbu ħafna u ibqgħu ġewwa!

Inħobbukom ħafna tfal!

L-għalliema tat-tieni sena,
*Ms. M. Buttigieg Brooks, Ms. M. Vella Montebello,*
*Ms. D. Seisun Incorvaja, Ms. F. Debono u Ms. A. Sapiano*

flimkien mal-*Learning Support Educators,*
*Ms. Anneliza, Ms. Analise, Ms. Elaine, Ms. Louise, Ms. Claire,*
*Ms. Charmaine, Ms. Josephine, Ms. Sarah u Ms. Stephanie*

Għeżież ġenituri u kuraturi,

Min-nhar it-Tnejn, 11 ta' Mejju, fuq il-*website* tal-iskola ser issibu link. Din il-link ser tibdew tużawha sabiex tidħlu fi programm jismu '*Padlet*'. Il-programm tal-'*Padlet*' tistgħu tużawh minn kompjuter, *tablet*, *laptop* u anki mill-mowbajl personali tagħkom.

Dan il-programm ser jgħin fuq żewġ aspetti. Permezz tal-*padlet*, intom ser tibqgħu taraw ix-xogħol li għandhom jaħdmu t-tfal kuljum, kif ukoll ser tkunu tistgħu ttellgħu ritratt tax-xogħol li jaħdmu t-tfal ġurnata b'ġurnata sabiex aħna l-għalliema nkunu

nistgħu nagħtukom *feedback* fuq ix-xogħol li jaħdmu t-tfal. Sabiex ittellgħu r-ritratti tax-xogħol tat-tfal, matul il-ġimgħa d-dieħla ser tirċievu messaġġ fil-mowbajl tagħkom b'link oħra. Din il-link ser tkunu tistgħu tużawha fil-programm *Padlet* biex tidħlu fil-klassi tat-tfal tagħkom.

B'hekk bl-ewwel link ser tkunu tistgħu taraw ix-xogħol ġimgħa, b'ġimgħa tat-tieni sena u bit-tieni link ser tkunu tistgħu ttellgħu ritratti tax-xogħol tat-tfal tagħkom fil-klassi li kienu fiha din is-sena. L-għalliema ta' kull klassi ser tkun tista' tara ix-xogħol tat-tfal tal-klassi tagħha u b'hekk ser tkun tista' tagħti *feedback* fuq dan ix-xogħol.

Nhar it-Tnejn 11, ta' Mejju, mal-link li ser ikollkom aċċess għaliha fuq il-website tal-iskola, ser issibu ukoll linji gwida u informazzjoni oħra sabiex tgħinkom biex tibdew tużaw il-Padlet.

Grazzi ħafna tal-kooperazzjoni tagħkom,

L-għalliema tat-tieni sena,
*Ms. M. Buttigieg Brooks, Ms. M. Vella Montebello,*
*Ms. D. Seisun Incorvaja, Ms. F. Debono u Ms. A. Sapiano*